MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 585/2003

**Citazzjoni Nru:585/2003**
**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta estera Aablo BV.**
**Vs**
**Flower, Land and Nursry Company Limited.**

Il-Qorti,
Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici nomine wara li premettiet:-
Illi is-socjeta konvenuta ghandha taghti lill-attrici nomine is-somma ta' hdax il-elf, mitejn erbgha u tletin liri Maltin (Lm11,234) ekwivalenti fi flus maltin ghal-tletin elf, tmin mija erbgha u disghin euros punt wiehed u tletin (Euros30,894.31) dovuta bhala prezz ta' fjuri u prodotti ohra tar-raba mibjugha mill-attrici nomine lis-socjeta konvenuta u accettati minnha;
Illi minkejja li is-socjeta attrici interpellat lis-socjeta konvenuta u widbitha anke bil-miktub sabiex thallas l0-ammont dovut minnha, is-socjeta konvenuta xorta baqghet inadempjenti u dan minkejja li is-socjeta

konvenuta accettat li hija debitrici fil-konfront tal-attrici nomine (vide dok A u B);
Illi fil-fehma tal-attrici nomine, dan id-dejn huwa veru cert u likwidu u dovut u is-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi iggib ghat-talba tal-hlas tal-attrici nomine;
Illi ghallhekk dan jaghti d-dritt lill-attrici nomine tipprocedi kontra is-socjeta konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu l67 et sequitur tal-Kapitolu l2 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qeghda taghmel'
Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex dina il-Qorti:-
1. Tiddeciedi ;skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu l2 tal-Ligijiet ta' Malta u
2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hjdax-il elf mitejn erbgha u tletin lri Maltin (Lmll,234) ekwivalenti fi flus maltin ghal-tletin elf, tmin mija erbgha u disghin euros punt wiehed u tletin (Euros30,894.31) prevja dikjarazzjoni li ghar-ragunijiet premessi, din is-somma hija dovuta mis-coejta konvenuta lill-attrici nomine.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma dina ic-citazzoni u bl-imghax kummercjali kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.
Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;
Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-attrici nomine kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------